MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 309/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Bugeja talli:

A. fil-Fgura fis-7 ta' Novembru 1992 ghal habta ta' 12.45 p.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' somma flus li tiskorri l-mitt liri Maltin (Lm100) mill-banka tal-Lottu Nru.149 li tinsab fi Triq Haz-Zabbar, Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u bil-valur;

B. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Agius skond ma kif iccertifika Dr. Victor Theuma M.D.

C. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil John Agius kontra l-volonta` tieghu;

D. fil-hin li ghamel id-delitt ta’ serq, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

E. fl-istess data, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm u garr arma tan-nar;

F. fil-Gzira matul il-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Novembru 1992, ikkommetta serq ta’ karozza Nru. J-2644 ta’ l-ghamla Ford Capri li l-valur taghha jiskorri l-mitt liri Maltin (Lm100) ghad-dannu ta’ Lawrence Farrugia, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

G. fl-istess perjodu ta’ zmien saq karozza Nru. J-2644 minghajr ma kellu licenza tas-sewqan u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` kontra terzi persuni;

H. fl-Imsida matul il-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Novembru 1992, bil-hsieb li jikkommetti serq mill-fergha tal-Mid-Med Bank sitwata fl-Universita` tal-Qroqq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u liema delitt kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jiskorri l-elf liri Maltin (Lm1000) u hin;

I. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Mid Med Bank Company Ltd.;

J. huwa recediv fit-termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 b'sentenzi li ma jistghux jigu mhassra jew mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Alfred Bugeja hati skond l-akkuza u lliberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmi Alfred Bugeja hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u jsostni illi l-ewwel Qorti ffokat l-attenzjoni taghha fuq il-*hold-up* fil-banka tal-lottu tal-Fgura minghajr ma dahlet *funditus* fil-mertu tal-provi rigwardanti l-imputazzjonijiet kollha dedotti. L-appellant jghid illi l-kaz jippernja fuq kaz ta' serq u iehor ta' tentattiv ta' serq li saru fi zminijiet differenti u li fiz-zewg kazijiet kienu saru inkjesti magisterjali u gew nominati diversi esperti. Fil-kors taz-zewg inkjesti, l-esperti li tqabbdu biex jelevaw marki tas-swaba minn fuq ix-xeni tad-delitt sabu diversi marki tajbin ghall-komparazzjoni. Fiz-zewg inkjesti tqabbad P.S. 673 Joseph Mallia biex jaghmel ezami komparattiv ta' l-impronti digitali li gew elevati miz-zewg xeni tad-delitt ma' l-impronti digitali fir-*records* tal-Pulizija.

**6.** Dwar l-inkjesta magisterjali relatata mal-*hold-up* fil-Fgura, l-appellant jghid illi P.S. 673 Joseph Mallia wasal ghall-konkluzjoni li fid-dokument immarkat 92 CGG 106, u cioe` *lifter* ta' impronti digitali elevati minn P.C. 956 Andrew Caruana minn fuq il-hgiega tat-tieqa tan-naha tal-passiggier min-naha ta' gewwa tal-Ford Capri J-2644 li giet uzata fil-*hold-up* fil-banka tal-lottu u li giet rappurtata nieqsa minn sidha l-gurnata ta' qabel, impronta kienet

taqbel mas-saba’ tan-nofs ta’ l-id il-leminija ta’ Alfred Bugeja. Jigifieri l-impronta ma nstabitx f’post pubbliku. Barra minn hekk l-appellant josserva illi ghalkemm l-appellat gie akkuzat ukoll bis-serq tal-karozza msemmija u li saq tali vettura minghajr licenzja tas-sewqan, dwar dawn l-imputazzjonijiet l-ewwel Qorti ma qalet xejn.

**7.** Dwar l-inkjesta rigwardanti t-tentattiv ta’ serq mill-Mid-Med Bank f’Tal-Qroqq, l-appellant jghid illi hawn ukoll P.S. 673 Joseph Mallia kkonkluda li fil-*lifter* Dok. 92 CIM 102 hemm impronta digitali li taqbel mas-saba’ z-zghir ta’ l-id ix-xellugija ta’ Alfred Bugeja. Din l-impronta giet elevata minn P.C. 659 Jeffrey Hughes minn fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin fuq barra, liema tieqa taghti ghall-gewwa l-fond Mid-Med Bank u li tkissret mill-malviventi sabiex ikunu jistghu jaccedu gewwa l-fond u jisirqu mis-*safe* li hemm. Fil-kors tal-kumpilazzjoni kienu ttiehdu l-impronti digitali ta’ l-appellat, u ghal dan l-iskop tqabbad P.S. 1030 Ivan Portelli, u gie nominat Joseph Bongailas biex jaghmel ezami komparattiv. Fir-rapport tieghu dan l-espert ikkonkluda li fil-fatt id-Dok. 92 CIM 102 jaqbel mas-saba’ z-zghir ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-appellat. L-appellant josserva illi din il-prova ma tissemma mkien fis-sentenza appellata. Ghall-kuntrarju fiha jinghad illi ebda espert indipendenti ta’ l-impronti digitali ma wettaq ezami komparattiv ta’ l-impronti li ttiehdu waqt il-kumpilazzjoni. Jigifieri l-ewwel Qorti skartat ghal kollox ir-rapport ta’ Joseph Bongailas. Minn dik il-prova indizjarja m’hemm l-ebda dubju li l-appellat kien fuq ix-xena tad-delitt.

**8.** L-appellant izid jghid li ma jaqbilx mal-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li l-prova tal-*fingerprint* f’postijiet pubblici tinnecessita korroborazzjoni. F’dar-rigward jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Vincent Calleja** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta’ Marzu 2002. Din il-Qorti nnotat li din hi referenza erroneja peress illi l-bran li jiccita l-Avukat Generali hija mehuda mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Frendo** moghtija fit-30 ta’ Dicembru 2004. L-appellant ikompli jghid illi m’hemm l-ebda dubju ghalhekk illi l-appellat kien il-persuna li kkommetta dan it-tentattiv ta’ serq peress illi l-impronta digitali tieghu kienet proprju fuq

tieqa li giet imkissra sabiex il-malviventi jkunu jistghu jaccedu ghall-bank.

**9.** Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u nnutat illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qalet illi l-unici provi konkreti fil-kaz in ezami huma l-impronti digitali li nstabu f'post pubbliku – banka tal-lottu. Hija qalet illi tenut kont illi ma giex innominat espert indipendenti sabiex jaghmel ezami komparattiv ta' l-impronti elevati ma' l-impronti ta' l-appellat li kellhom jittiehdu waqt il-kumpilazzjoni, u tenut kont illi banka tal-lottu huwa post pubbliku *par excellence*, ma setghetx issib htija fl-appellat.

**10.** Issa, mill-provi jirrizulta, kif tajjeb issottolineja l-Avukat Generali, illi l-appellat ma giex akkuzat biss b'serq minn banka tal-lottu izda b'diversi imputazzjonijiet ohra, fosthom is-serq ta' karozza u anke t-tentattiv ta' serq mill-Mid-Med Bank f'Tal-Qroqq. Jirrizulta wkoll illi gew elevati impronti mill-karozza u mhux mill-banka tal-lottu. Inoltre in kwantu jirrigwarda t-tentattiv ta' serq mill-Mid-Med Bank jirrizulta li fil-fatt ittiehdu l-impronti digitali u palmari ta' l-appellat fil-Qorti u gie nominat espert indipendenti (Joseph Bongailas) sabiex jaghmel l-ezami komparattiv mehtieg. Din il-Qorti sejra ghalhekk issa tikkunsidra sa fejn jistghu jwasslu dawn il-provi.

**11.** L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tirrigwarda serq minn banka tal-lottu fil-Fgura fis-7 ta' Novembru 1992 meta tnejn min-nies mghammda u armati dahlu, sawwtu lir-ricevitur John Agius u serqu somma flus. Meta hargu, id-derubat hareg warajhom u rahom dehlin go vettura kannella. Irrizulta li din kienet Ford Capri numru J-2664 li kienet insterqet fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Novembru minn Ta'Xbiex. Dwar dan il-kaz saret inkjesta magisterjali u l-Magistrat Inkwirenti nnomina, *inter alia*, lil P.C. 956 Andrew Caruana bhala espert ta' l-impronti digitali. Dan eleva impronti kemm mill-banka tal-lottu kif ukoll mill-karozza. (ara relazzjoni Dok. AC a fol. 100). B'digriet tal-25 ta' Novembru 1992, il-Magistrat Inkwirenti, fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, innomina lill-espert ta' l-impronti tas-swaba' P.S. 673 Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti tas-swaba'

elevati u dawk mizmuma mill-Pulizija. Dan l-ezercizzju sar u fir-relazzjoni tieghu (ara Dok. KM a fol. 106) P.S. 673 Joseph Mallia qal li rrizultalu li "d-Dok 92 CGG 106 jaqbel mas-saba' tan-nofs ta' l-id il-leminija ta' Alfred Bugeja li joqghod numru 288 High Street, Hamrun". Skond id-Dok. AC, dan id-dokument huwa deskritt bhala "sekwenza ta' zewg impronti digitali misjuba fuq il-hgiega tat-tieqa tan-naha tal-passiggier min-naha ta' gewwa tal-vettura".

**12.** Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq mill-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq, jirrizulta illi fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 1992 giet sgassata tieqa tal-hgieg u aluminium fuq in-naha ta' wara tal-Bank imbaghad tqatta' l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa b'xi forma ta' acitilena. Il-halliel jew hallelin b'hekk accedew ghal gol-Bank. Saret inkjesta magisterjali u gew nominati numru ta' esperti. Mir-relazzjoni tas-*scene-of-crime officer* P.C. 198 Arthur Debattista (Dok. AD a fol. 46) jirrizulta illi fuq gewwa tal-Bank kien hemm zewg gebliet zghar, wahda ma' l-art hdejn is-*safe* u ohra fuq is-*safe*, u s-*safe* kellu sinjal ta' daqqa fuq il-bieba. Gie nnotat ticpis hamrani fuq is-*safe* u fuq il-gebla ta' fuq is-*safe*. P.C. 659 Jeffrey Hughes eleva numru ta' impronti. Fuq rinviju ta' l-Avukat Generali tal-11 ta' Gunju 1993, il-Magistrat Inkwirenti gie mitlub jinnomina espert ta' l-impronti digitali sabiex jaghmel konfront bejn il-*lifters* esebiti u l-impronti digitali fir-*records* tal-Pulizija. B'digriet tat-3 ta' Awissu 1993 gie nominat P.S. 673 Joseph Mallia. Fir-relazzjoni tieghu pprezentat fis-6 ta' Settembru 1993 (Dok. JM a fol. 80), P.S. Mallia kkonkluda li d-Dok. 92CIM 102 jaqbel mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' Alfred Bugeja li joqghod 288 High Street, Hamrun.

**13.** F'dan l-istadju, din il-Qorti tirreferi ghall-posizzjoni stabbilita mill-gurisprudenza taghna dwar "esperti" li jkunu membri effettivi tal-Korp tal-Pulizija kif tirrizulta mis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Melchior Spiteri v. Avukat Generali** u **Nazzareno sive Reno Zarb v. Avukat Generali** fil-31 ta' Ottubru 2003. F'dar-rigward sejra ticcita bran mid-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Settembru 2005 fl-ismijiet **Nazzareno Zarb vs Malta**:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see *Van Mechelen and Others v. the Netherlands*, judgment of 23 April 1997, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, *Brandstetter*, judgment quoted above, p. 21, § 44, and *Emmanuello*, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see *Emmanuello*, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective.**

**"In addition, it appears that in the present case evidence providing positive identification of the applicant as the perpetrator of the offences charged was available from sources unrelated to the findings of the experts. In particular, as the Constitutional Court pointed out, the applicant himself had admitted his guilt and a co-accused had made incriminating statements against him. On the other hand, the members of the police limited themselves to making an "eliminatory examination" of the fingerprints, which did not constitute evidence against the**

**applicant. When the fingerprints of the latter had to be compared with those found on the scenes of the crimes, the domestic court appointed an expert who was not a member of the police.**

**“In these circumstances, the Court does not consider that the appointment as experts of members of the police has hindered the principle of equality of arms or has rendered the proceedings unfair.”**

**14.** Meta P.S. 673 Joseph Mallia, li kien ghadu membru effettiv fil-korp tal-Pulizija, xehed fl-Istuttorja fis-6 ta’ Lulju 1994, minbarra illi kkonferma l-konkluzjonijiet tieghu fir-relazzjonijiet imsemmija, qal ukoll illi ma setax jghid jekk l-Alfred Bugeja li semma kienx l-istess Alfred Bugeja prezenti fl-Awla. Effettivament l-imsemmi P.S. Mallia ma kienx ipparaguna l-*lifters* ma’ l-impronti ta’ l-appellat elevati minnu jew minn espert iehor fil-Qorti izda ma’ *records* li kellhom il-Pulizija. Difatti fl-Istruttorja, b’digriet tas-6 ta’ Lulju 1994, il-Qorti nnominat lil P.S. 1030 Ivan Portelli sabiex jiehu l-impronti digitali ta’ l-appellat (allura imputat) u lil Joseph Bongailas biex jaghmel ezami komparattiv bejn dawk l-impronti u l-*lifters* elevati fil-kors ta’ l-imsemmijin zewg inkjesti magisterjali.

**15.** Fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 1994, l-imsemmi P.S. 1030 Ivan Portelli ha l-impronti tas-swaba’ u palmari ta’ l-appellat (a fol. 171 u 172) u kif jirrizulta fil-verbal ta’ dik is-seduta (a fol. 158), il-Qorti ccertifikat li dawk id-dokumenti huma l-impronti digitali “ta’ l-imputat Alfred Bugeja peress li dawn l-impronti ttiehdu fil-presenza taghha.” Joseph Bongailas ipprezenta r-relazzjoni tieghu fil-25 ta’ Lulju 1995 (a fol. 227 sa 239) u mir-relazzjoni tieghu jirrizulta illi huwa ghamel ezami komparattiv biss mal-*lifters* esebiti in konnessjoni mat-tentattiv ta’ serq mill-Mid-Med Bank. Difatti huwa jghid illi huwa rtira u ezamina d-dokumenti 92 CIM 101 sa 92 CIM 107 (ara relazzjoni Dok. JH a fol. 70 – 71).

**16.** Il-prosekuzzjoni kienet qed tibbaza l-kaz taghha fir-rigward is-serq mill-banka tal-lottu tal-Fgura u s-serq tal-karozza J-2644 u imputazzjonijiet ohra relatati fuq

impronta li nstabet fl-imsemmija karozza. L-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni f'dar-rigward kienet ir-relazzjoni ta' P.S. 673 Joseph Mallia li kien qabbel impronta mar-*records* li ghandhom il-Pulizija, izda ma setax jghid jekk dawk ir-*records* kinux ta' l-appellat. Ma sar ebda paragun minn espert indipendenti bejn il-*lifters* elevati mill-karozza u l-impronti digitali u palmari ta' l-appellat elevati fil-Qorti waqt l-Istruttorja. Inoltre, minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi migjuba waqt l-Istuttorja ma tirrizulta ebda prova ohra li b'xi mod torbot lill-appellat mar-reati kontemplati fl-imputazzjonijiet A, B, C, D, E, F u G. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax issib htija ghar-reati addebitati lill-appellat permezz ta' dawk l-imputazzjonijiet.

**17.** Issa, fir-rigward tal-*lifters* ezaminati mill-imsemmi Joseph Bongailas u li kienu gew elevati waqt l-investigazzjoni tat-tentattiv ta' serq mill-ufficcju ta' Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq, mir-relazzjoni tieghu jirrizulta illi huwa kkonkluda illi d-dokument 92 CIM 102 jaqbel mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat. Mir-relazzjoni ta' P.C. 659 Jeffrey Hughes (Dok. JH a fol. 70) jirrizulta illi dan id-dokument jikkostitwixxi "Impronta misjuba fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin fuq barra, liema tieqa tal-aluminium taghti ghal gewwa l-fond." Apparti tali prova, m'hemm l-ebda prova ohra li b'xi mod torbot lill-appellat max-xena tad-delitt. Dak li jrid jigi deciz ghalhekk huwa jekk tali impronta, stante li kienet fuq in-naha ta' barra tat-tieqa, hijiex prova sufficjenti biex il-Qorti tista' ssib htija.

**18** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Settembru 2008 fejn l-unika prova kienet impronta ta' pala ta' l-id[1], intqal:

**"Ghalhekk ghalkemm l-akkuzat appellant ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt - kif kellu dritt - ma xehedx biex jispjega kif il-pala ta' idejh proprju halliet l-impronta taghha fuq il-bieb ta' barra laterali li gie**

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Stephen Zahra**, 30 ta' April 2008; **Il-Pulizija v. Josef Sharfid**, 23 ta' Mejju 2012.

**sgassat, mill-banda l-ohra ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tieghu biex tikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq bieb li ma kellux jintuza minnu. Fil-kors normali tal-hajja n-nies ma joqoghdux icappsu idejhom ma' bibien tan-nies, specjalment bibien li ma jintuzawx. Anki jekk l-appellant kien jiffrekwenta ta' spiss l-istabbiliment in kwistjoni, hu suppost li kien jidhol fih mill-bieb principali li addirittura kien jinstab wara l-kantuniera fi triq ohra. Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marka tal-pala ta' idu kellha tinstab fuq il-bieb in kwistjoni. F'dan is-sens l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi li l-marka tal-pala ta' id l-appellant fuq il-bieb sgassat kienet prova li torbtu mas-serqa ghax anki jekk stess kien imur f'dak l-istabbiliment, qatt ma suppost kellu kuntatt ma' dak il-bieb partikolari u ma kienx lanqas probabbli li hu jhalli l-marka tieghu proprju fuq dak il-bieb innocentement jew b'kumbinazzjoni."**

**19.** F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

**20.** L-appellat xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2003. Fix-xiehda tieghu qal biss li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz. Mill-kontro-ezami jidher illi huwa kien qieghed jirreferi ghall-kaz tas-serq mill-banka tal-lottu u s-serq tal-Ford Capri. Izda mbaghad jghid illi huwa cert illi fl-ebda hin dawk iz-zminijiet ma kien fl-inhawi ndikati fl-akkuza. Mistoqsi kif jista' jispjega l-prezenza tal-*fingerprints* tieghu

“fuq il-post”, minghajr indikazzjoni ta’ liema post kienet qed issir referenza ghalih, wiegeb li dan ma jistax jifhmu izda qal ukoll li l-Pulizija ghandhom l-*fingerprints* tieghu u “dawna jistghu jigu trasportati kullimkien”. Huwa facli li wiehed jaghmel allegazzjoni bhal din izda mill-atti m’hemm xejn x’jissuggerixxi li din mhijiex hlief allegazzjoni maghmula bhala tentattiv fjakk biex l-appellat jiskolpa ruhu minn kollox. M’hemm xejn fl-atti li jista’ jissuggerixxi li saret xi haga kontra l-ligi fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet. Fil-fatt dwar ir-reati principali saru inkjesti magisterjali u ghalhekk dak li sar sar taht il-kontroll ta’ Magistrati Inkwirenti. Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta’ kif impronta ta’ idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta’ l-ufficjju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq. Dwar is-serq mill-banka tal-lottu u tal-karozza diga` ntqal illi ma sar l-ebda ezami komparattiv la mill-Pulizija u lanqas minn espert indipendenti bejn l-impronti misjuba fil-karozza u dawk ta’ l-appellat. Huwa palezi wkoll li l-appellat, la personalment u lanqas tramite s-sottomissjonijiet tad-difensur tieghu ma ressaq xi spjegazzjoni plawsibbli biex jikkonvinci lil din il-Qorti sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq tieqa li ma kellhiex ghalfejn tintmiss. Jigi inoltre osservat li meta sehh dan it-tentattiv ta’ sgass, l-appellat kien mahrub mill-habs. P.S. 1211 Richard Zammit xehed (a fol. 251) li l-appellat kien dam mahrub mis-27 ta’ Mejju 1992 sal-21 ta’ Novembru 1992. Certament ghalhekk l-Universita` ma kinitx lok fejn l-appellat kien solitament jiffrekwenta.

**21.** Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, l-appell ta’ l-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet H (it-tentattiv ta’ serq mill-Mid-Med Bank) u I (hsara volontarja ghad-dannu ta’ Mid-Med Bank) jimmerita akkoljiment, b’dan illi r-reat taht l-imputazzjoni I, u cioe` d-danni volontarji kagjonati mill-isgassi esterni u interni, servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ tentattiv ta’ serq aggravat.

**22.** Bhala prova tar-recidiva l-prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-7 ta’ Jannar 1991 u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 1992 (a fol. 276 sa 287). L-ex-Supretendent Joseph Azzopardi kkonferma l-identita` ta' l-appellat fir-rigward tas-sentenza tas-7 ta' Jannar 1992 (a fol. 271). L-ex-Supretendent Charles Galea kkonferma l-identita` ta' l-appellat fir-rigward tas-sentenza tas-7 ta' Jannar 1991 (a fol. 292). Minn ezami ta' dawn iz-zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellat gie kkundannat f'kull kaz il-piena ta' prigunerija ta' hames snin. Ir-reati li taghhom l-appellat se jigi dikjarat hati sehhew fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2012. Jigifieri m'hemmx dubju li l-appellat kien ghadu ma skontax dawn il-perijodi ta' prigunerija.

**23.** L-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor."**

**24.** Dan ifisser illi l-artikolu 50 mhuwiex applikabbli fil-konfront ta' l-appellat stante li dan l-artikolu huwa applikabbli biss fejn il-hati jkun diga` skonta piena. Huwa applikabbli biss l-artikolu 49 peress illi s-sentenzi msemmija fil-paragrafu 22 kienu saru definittivi.

**25.** Kwantu ghall-piena, fix-xiehda tieghu l-appellat jghid li dak iz-zmien kellu hajja daqsxejn movimentata u kien tressaq il-Qorti dwar akkuzi ta' reati. Jidher illi dik il-hajja movimentata baqghet anke wara. Mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, illi a parti li fid-19 ta' Gunju 2002 gie kkundannat seba' snin prigunerija dwar reati li sehhew fil-21 ta' Novembru 1992 (jigifieri reati li sehhew proprju l-ghada tat-tentattiv ta' serq mill-Mid-Med Bank), jidher illi gie kkundannat mhux anqas minn dsatax-il darba ohra ghal diversi reati li jinkludu reati kontravvenzjonali kif ukoll ksur ta' ligijiet tat-traffiku, pussess semplici u pussess aggravat ta' drogi, u sensiela ta' serqiet. Permezz ta' dawn is-sentenzi l-appellat gie

kkundannat R & A, kif ukoll ghall-hlas ta' ammenda u ta' diversi multi, inghata *conditional discharge*, gie kkundannat ghal sentenza sospiza ta' prigunerija u ghal diversi pieni effettivi ta' prigunerija. Fi ftit kliem jidher li l-appellat ma tghallem qatt. Ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti ma ssib l-ebda triq ohra hlief li tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija.

**26.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat Alfred Bugeja hati ta' l-imputazzjonijiet A sa G elenkati fil-paragrafu numru tnejn (2) ta' din is-sentenza u ta' l-addebitu ta' recidiva ndikat bhala J fl-istess paragrafu izda biss in kwantu dan l-addebitu jirreferi ghall-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u minflok (1) tiddikjara lill-istess Alfred Bugeja hati ta' l-imputazzjonijiet H u I, b'dan li r-reat taht l-imputazzjoni I serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht l-imputazzjoni H, (2) tiddikjarah recidiv a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u (3) wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c), 263, 264, 267, 278(1)(2), 279(b), 49, 17(h) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u sitt xhur; (4) tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn wiehed u sittin euro u sbatax-il centezmu (€261.17) rapprezentanti l-ispejjez ta' l-espert ta' l-impronti tas-swaba' Joseph Bongailas u li ghandhom jithallsu sa zmien hmistax-il gurnata millum u fin-nuqqas jigu minnufih konvertiti fi prigunerija bil-kalkolu ta' gurnata ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) jew frazzjoni ta' hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65),

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------